**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 33/2020 RM**

**Ivan Camilleri [K.I. 360371M]**

**-Vs-**

**Saviour Balzan u Kurt Sansone**

**Illum, 3 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Ivan Camilleri fir-Reġistru tal-Qorti fis-26 ta' Frar 2020 fejn talab li l-konvenuti, Saviour Balzan u Kurt Sansone, jiġu kundannati jħallsuh is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni skond l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), wara li jiġi dikjarat il-malafama lir-rikorrenti b'dak ippublikat bħala artikolu intestat '*Times sacks Ivan Camilleri after alleged tip-off to Yorgen Fenech mentioned in court'* ippublikat fuq is-sit elettroniku ta' Malta Today fl-20 ta' Diċembru 2019 li kopja tiegħu qed jiġi eżebit ma' dan ir-rikors (DOK IC1) u l-kummenti li ppermettew fuq l-istess sit elettroniku in segwitu għall-artikolu suriferit, l-intimati bħala artikolista u editur rispettivament ta l-istess artikolu li deher fuq l-online portal MaltaToday.com.mt għamlu jew min minnhom allegazzjonijiet foloz u

malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u li għandhom bħala skop li joffendu l-unur u l-fama ta' l-attur u li jesponuħ għar-redikolu u disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenuti, Saviour Balzan u Kurt Sansone fl-4 ta' Mejju 2020, fejn eċċipew:-

1. *Preliminarjament, l-attur għandu jindika b'mod preċiż liema brani u/jew kummenti jqis malafamanti fil-konfront tiegħu.*
2. *F'kull każ, il-fatti esposti fil-pubblikazzjoni u/jew fil-kummenti ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz.*
3. *In oltre', il-pubblikazzjoni hija ta' interess pubbliku u l-esponenti kien qed jaqdu korrettament id-dmirijiet tagħhom li jirrapportaw dwar aħbar ta' importanza pubblika f'soċjeta' demokratika li tħaddan bi sħiħ il-liberta' tal-espressjoni.*
4. *Mingħajr preġudizzju, il-pubblikazzjoni tikkostitwixxi fair comment.*
5. *Sussidjarjament, l-eċċipjenti mhumiex responsabbli għall-kummenti ta' nies estranji għall-gazzetta elettronika: għandhom ikunu l-awturi ta' dawk il-kummenti li jwieġbu għall-kitbiet tagħhom.*
6. *In oltre', it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi.*
7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet tagħha mogħti għall-fini tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 579 (L-Att dwar il-Midja u l-Malafama) fejn, wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw illi fiċ-ċirkostanzi mhemmx possibbilita' reali li l-vertenza tiġi riżolta bonarjament, ordnat illi l-kawża tiġi mismugħa u deċiża minnha skont il-liġi;

Rat id-digriet mogħti minnha fl-4 ta' Novembru 2020 fejn ordnat l-isfilz tad-dokument esebit mill-attur flimkien mar-Rikors promotur u mmarkat Dok. IC2[1];

[1] Paġna 52 *et sequitur* tal-atti tal-kawża.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fit-23 ta' Jannar 2023, kif awtorizzat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenuti fis-6 ta' Marzu 2023, kif awtorizzat;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tad-difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għal malafama fejn l-attur qed jimpunja diversi stqarrijiet allegatament diffamatorji li saru f'artikolu ppubblikat fl-20 ta' Diċembru 2019 fuq l-online new portal ta' Maltatoday.

L-attur, għalkemm ma identifikax espressament is-siltiet speċifiċi fil-pubblikazzjoni li ħassu aggravat bihom, jilmenta li l-pubblikazzjoni fiha diversi dikjarazzjonijiet malafamanti u inveritieri. Xehed illi ħassu aggravat bil-fatt illi saret assoċjazzjoni bejnu u bejn l-aħbar xokkanti tal-qtil tal-ġornalista Daphne Caruana Galizia. Jiċħad li huwa qatt ikkomunika ma' Yorgen Fenech jew maz-ziju tiegħu Raymond Fenech jew xi ħaddieħor mill-familja tagħhom biex jiddiskuti materji konnessi mal-każ ta' Daphne Caruana Galizia. Jgħid ukoll li mhux minnu li ismu ssemma waqt is-smigħ tal-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Yorgen Fenech u lanqas m'huwa minnu li sorsi fil-korp tal-Pulizija kienu qalu lil MaltaToday li l-Pulizija sabu messaġġi li jsemmu li 'Ivan', b'referenza għalih, avża lil Yorgen Fenech b'dak li kien qed jiġri.

L-attur jikkontendi li l-artikolu ġie pubblikat bil-għan li jħammiġlu r-reputazzjoni u tħassarlu l-karriera tiegħu bħala ġornalist. Isostni wkoll illi huwa kjarament identifikabbli fl-artikolu għaliex l-artikolu huwa akkumpanjat minn ritratt tiegħu ippubblikat b'mod prominenti bi isfond tal-post tax-xogħol fejn kien jaħdem dak iż-żmien, The Times of Malta.

Qabel xejn, il-Qorti tosserva illi l-konvenut Saviour Balzan ma jiċħadx li huwa l-awtur tal-artikolu impunjat – fatt li jirriżulta mill-pubblikazzjoni nnifisha. Kurt Sansone, li ġie mħarrek bħala l-editur tal-online news portal ta' Maltatoday, ukoll ma jiċħadx li huwa kien jokkupa dan ir-rwol fid-data tal-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat u għalhekk fin-nuqqas ta' ebda eċċezzjoni u ebda ċaħda fir-rigward, il-Qorti sejra tqis li l-konvenuti ġew korrettement imħarrkin għall-finijiet tal-Artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Għandu jingħad illi l-attur Ivan Camilleri huwa ġornalist b'karriera twila fil-ġornaliżmu, u kien ukoll ġornalist prominenti li kien jaħdem ma' gazzetta prominenti lokali (Times of Malta). Dan ifisser li huwa persuna pubblika in kwantu huwa inevitabbilment jeżerċita l-professjoni tiegħu fuq pjattaforma pubblika fejn jingħata pubbliċita' permezz tal-artikoli pubblikati minnu, artikoli li bosta minnhom inevitabbilment ikunu initizi biex iqanqlu dibattitu pubbliku. Għalhekk l-attur għandu jistenna ċertu qies ta' kritika u skrutinju pubbliku in konnessjoni ma' allegazzjonijiet li huwa ssemma in konnessjoni ma' *tip-off* li ngħata lil persuna akkużata b'omiċidju ta' ġornalista, fost inċidenti oħrajn.

Fid-deċiżjoni **Wirtschafts-Trend Zeitschriften-Verlagesellschaft m.b.H. v. Austria**, il-Qorti Ewropea riteniet:-

"(w)*hereas the limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians, private individuals lay themselves open to*

*scrutiny when they enter the arena of public debate and then have to show a higher degree of tolerance*."[2]

Dan stabbilit, imiss li jiġu stabbiliti l-imputazzjonijiet li jitnisslu minn qari oġġettiv tal-artikolu impunjat.

Jinsab ritenut b'mod ġenerali illi l-imputazzjoni diffamatorja fl-istqarrija impunjata għandha tinftiehem mill-qarrej ipotetiku ordinarju fil-qafas ta' dak li hu raġjonevoli u li seta' kien magħruf pubblikament fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, mingħajr il-ħtieġa li ssir riċerka jew referenza ghal xi fatti li ma jirriżultawx mill-istess pubblikazzjoni jew xi spjegazzjoni sussegwenti, mingħajr sforz u tiġbid ta' interpretazzjoni u mingħajr ħtieġa ta' xi għarfien speċjali[3].

Fost il-prinċipji applikabbli għad-determinazzjoni dwar jekk stqarrija hijiex kapaċi twassal l-imputazzjoni impunjata, id-deċiżjoni celebri **Jeynes v News Magazines Ltd**[4] elenka s-segwenti:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking* ***but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available*** *(3) over-elaborate analysis is best avoided. (4)* ***the intention of the publisher is irrelevant. (5) The article must be read as a whole…*** *(6) The hypothetical reader is taken to be representative of those who would read the publication in question. (7) In delimiting the range of permissible*

[2] Ara wkoll **Karman v. Russia**, para. 35.
[3] Iżda huwa importanti li jiġi speċifikat illi dan kollu ma jfissirx illi l-ammissibbilita' jew valur probatorju ta' provi dwar fatti jew ċirkostanzi li seħħew biss wara l-pubblikazzjoni u li meta applikati għall-istqarrija impunjata jagħtuha tifsira diffamatorja, għandhom jiġu *a priori* esklużi. Effettivament, xejn ma josta li dawn il-fatti posterjuri ikollhom siwi safejn ikomplu jissostanzjaw b'mod **addizzjonali** in-natura diffamatorja tal-istqarrija impunjata, purche' fiha nnifisha u fil-qafas temporali tal-pubblikazzjoni, din setgħet tinftiehem mill-qarrej ordinarju b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq enunċjati, bħala waħda li twassal imputazzjoni diffamatorja.
[4] [2008] EWCA.

*defamatory meanings, the court should rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation ...' (8)* ***It follows that it is not enough to say that by some person or another the words <u>might</u> be understood in a defamatory sense***." (emfasi ta' din il-Qorti)

Il-Qorti fliet il-pubblikazzjoni annessa mar-Rikors promotur u abbażi ta' dak li fisser l-attur fix-xhieda tiegħu, inkluż il-brani ċitati minnu fl-Affidavit tiegħu, tidentifika s-segwenti siltiet, fosthom it-titolu tal-artikolu, bħala l-istqarrijiet li l-attur jikkontendi li huma, jew iwasslu imputazzjonijiet, diffamatorji fil-konfront tiegħu.

***"Times sacks Ivan Camilleri after alleged tip-off to Yorgen Fenech mentioned in Court"***

*Times journalist Ivan Camilleri sacked, declines to comment and says he will fight 'unfair dismissal.*

*Allied Newspapers has sacked the Times journalist Ivan Camilleri, multiple sources have confirmed, in connection with alleged communication he had with Yorgen Fenech on the eve of his attempted escape from Portomaso harbour."*

*The mention of an unnamed journalist was made ... on Thursday during the compilation of evidence against Fenech, accused with (sic) having masterminded the assassination of the journalist Daphne Caruana Galizia.*

*The question was put by the Caruana Galizia family's lawyer Jason Azzopardi during the examination of lead investigator Keith Arnaud, where he was asked about a tip-off from a journalist that had been found in Fenech's mobile phone.*

*Arnaud was not certain but he said he believed that Fenech had beein informed about what was happening in the news and his reaction was to leave the islands. The name of the journalist was not asked of Fenech, Arnaud says.*

*Maltatoday is informed that the police found a Whatsapp text from Yorgen Fenech to his uncle, Ray Fenech, in which he speaks of a certain 'Ivan' allegedly warning him of police interest.*

*Contacted by MaltaToday, Ivan Camilleri declined to comment: "I will not comment. I will be fighting this unfair dismissal. ..."*

Minn dan, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet li raġjonevolment jinsiltu mill-kumpless tal-pubblikazzjoni impunjata, moqrija fl-intier tagħha, huma tnejn:-

(i) Li l-attur ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu minħabba allegat komunikazzjoni ossia "*tip-off*" lil Yorgen Fenech lejliet l-arrest tiegħu (liema *tip-off* issemmiet waqt is-smigħ tax-xhieda fil-proċeduri kriminali kontra l-istess Yorgen Fenech dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia);

(ii) Illi hemm evidenza li turi illi lejliet l-allegat attentat ta' Yorgen Fenech li jaħrab minn Malta, l-attur għaddielu informazzjoni li huwa ta' interess għall-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom.

Fil-fehma tagħha, kull waħda minn dawn l-imputazzjonijiet hi kapaċi tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Skont il-Gatley:-

"*... whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before.*"[5] [emfasi tal-Qorti]

[5] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5. Bħala parti minn dan l-istħarrig:- "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect*

Kif ingħad, l-attur huwa ġornalist anzjan li għandu karriera twila fil-professjoni. Professjoni li teħtieġ livell sostanzjali ta' kredibbilita', trasparenza u integrita' da parti tal-ġornalist fil-qadi tad-dover tiegħu li jwassal lill-pubbliku b'mod imparzjali, oġġettiv u sħiħ, dik l-informazzjoni li huwa jikseb minn sorsi affidabbli u li jqis li huwa fl-interess tal-pubbliku li tiġi pubblikata. Fil-fatt, huwa l-iprem obbligu tal-ġornaliżmu etiku il-qadi tal-interess pubbliku, fejn ġornalisti huma mistennija jaħdmu b'mod ħieles u mingħajr kunflitti ta' interess jew indħil minn forzi esterni u interessi politiċi, kummerċjali jew oħrajn li jistgħu jinfluwixxu fuq ġudizzju bilanċjat jew jissopprimu t-trasmissjoni jew aċċess ħieles għal informazzjoni u dibattitu miftuħ fuq materji ta' interess pubbliku: kull ħidma kontra dawn in-normi ikun isarraf f'tradiment tal-fiduċja pubblika fil-professjoni.

Huwa evidenti li b'riżultat ta' dawn l-imputazzjonijiet, l-artikolu impunjat inisseġ rabta inkonfutabbli bejn l-attur u Yorgen Fenech, il-persuna akkużata bl-omiċidju ta' ħadd iktar minn ġornalista, Daphne Caruana Galizia. Kif inhu notorju, dan il-qtil qed jiġi allegat li twettaq b'rabta max-xogħol ġornalistiku investigattiv tagħha dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fl-ogħla istituzzjonijiet ta' pajjiżna. Għall-Qorti, l-imputazzjoni ta' assoċjazzjoni bejn ġornalist, li huwa marbut bid-dmirijiet ta' professjonalita' u integrita' appena mfissrin, u persuna akkużata bi qtil volontarju ta' ġornalist ta' tagħrif kunfidenzjali, meta din l-assoċjazzjoni tikkonsisti fl-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali bi tradiment tal-prinċipji tal-etika ġornalistika fosthom tad-dmir li jaqdi l-interess tal-pubbliku u mhux interessi individwali, hija waħda intrinsikalment ta' dannu għar-reputazzjoni professjonali tal-persuna aggravata.

Gatley, in tema ta' stqarrijiet li jolqtu l-kondotta jew kompetenza professjonali, diversament mill-karattru, tal-persuna aggravata, jgħid hekk:-

---

*or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant*" - Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154 7.32.

"*Where words denigrate the claimant's business or professional capacity they may be defamatory even though they in no way reflect on the* <u>*character*</u> *of the claimant. ... it has been suggested that the correct approach is to ask whether the tendency of the words is to convey to the reader that the claimant's fitness or competence falls short of what are generally necessary for the business or profession.*

Jgħid ukoll:-

"*It is defamatory to impute that a person is unfit for this profession or calling owing to want to ability, mental stability, learning or some other necessary qualification or that he has been guilty of any dishonest or disreputable conduct or any other misconduct or inefficiency therein*"[6]

Minn dan isegwi, in kwantu għall-ewwel imputazzjoni, illi l-ġornalist li jikseb informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali mingħand is-sorsi tiegħu, ġornalisti oħajn jew addirittura mingħand il-prinċipal tiegħu u jużaha biex iwissi lil xi persuna oħra dwar il-fatt li hija persuna ta' interess għall-Pulizija f'investigazzjoni dwar omiċidju - u kwindi għal skopijiet mhux leċiti - indubbjament ikun qed jaġixxi bi tradiment tal-fiduċja li tingħata lill-ġornalist u b'nuqqas ta' integrita' u professjonaliżmu u b'kondotta li tikser l-etika ġornalistika jekk mhux ukoll, kriminali. *Multo magis* meta t-tradiment tal-obbligi tal-ġornalist issir tabilħaqq fl-ambitu ta' investigazzjoni kriminali dwar omiċidju ta' ġornalista.

Fil-każ **Angel v H.H. Bushell & Co Ltd**[7], l-allegazzjoni kienet li l-persuna aggravata ma kienetx "*... conversant with business ethics*". Ġie ritenut[8] li teżisti "*a very real difference between an allegation of failure to comply with etiquette and a failure to conform with ethical standards, and it is the latter imputation which, in my view, is*

[6] *Ibid.* 2.37, page 82.
[7] [1968] 1 QB 813.
[8] Milmo J.: 825G – 826A.

*made by this letter. Ethics involve a moral standard, and, in my judgment, a breach of ethics connotes at a minimum dishonourable behaviour*".[9]

Għalhekk l-imputazzjoni li l-attur bħala ġornalist ikkomunika informazzjoni lil persuna suspettata u sussegwentement akkużata bl-omiċidju ta' ġornalista, lejliet l-arrest tagħha – billi din timplika kjarament aġir possibbilment illegali u li f'kull każ, jikser l-etika ġornalistika - hi kapaċi tagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Jinsab ritenut ukoll illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[10], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*", huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

In kwantu mbagħad għall-imputazzjoni ta' tkeċċija mill-impieg, din minnha nnifisha tnissel xejra ta' kondotta ħażina jew mhux xierqa, *multo magis* imputazzjoni ta' tkeċċija mill-impieg ta' ġornalist minħabba tabilħaqq tradiment tal-prinċipji ġornalistiċi l-iktar bażilari. Konsegwentement, imputazzjoni bħal din ukoll hija indubbjament kapaċi tagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata.

Ikkunsidrat;

Kif diġa' stabbilit, l-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-pubblikazzjoni huma li l-attur tkeċċa mill-impieg tiegħu ma' The Times minħabba l-fatt illi ġie allegat li kien wassal informazzjoni konfidenzjali lil Yorgen Fenech lejliet l-arrest tiegħu; u li hemm evidenza li fil-mobile phone ta' Yorgen Fenech instabu messaġġi li juru li ċertu Ivan

---

[9] Intqal ukoll illi "*At any rate, it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on the one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not.*"

[10] ***Collins on Defamation*** (2014 Ed.), 6.10 p. 117.

wassallu informazzjoni kunfidenzjali marbuta mal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, lejliet l-arrest tiegħu.

Iżda qabel xejn, għandha jiġi trattata s-sottomissjoni li għamel l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, fejn ġie argumentat illi t-titolu tal-artikolu impunjat jagħti x'jifhem li huwa ssemma b'ismu ('Ivan') f'xhieda quddiem il-Qorti (fil-kumpilazzjoni tax-xhieda kontra Yorgen Fenech) b'rabta ma' *tip-off* lil Yorgen Fenech lejliet l-arrest tiegħu. Ġie sottomess illi hija gibda li ismu ssemma fil-Qorti fix-xhieda ta' Keith Arnaud.

It-titolu tal-artikolu huwa dan: "***Times sacks Ivan Camilleri after alleged tip-off to Yorgen Fenech mentioned in Court.***"

Huwa minnu li minn qari biss tat-titolu tal-artikolu, il-qarrej jista' jiġi żvijat biex jifformula l-ħsieb li l-attur ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu għaliex huwa ġie identifikat fix-xhieda li nstemgħet fil-Qorti l-ġurnata ta' qabel bħala l-ġornalist li kien wassal xi informazzjoni ("*tip-off*") lil Yorgen Fenech lejliet l-attentat tluq tiegħu minn Malta. Madankollu, irid jiġi ribadit illi għall-fini tad-determinazzjoni dwar jekk dan huwiex malafamanti fil-konfront tal-persuna aggravata, l-istqarrija impunjata trid tinqara fl-isfond u fil-kuntest tal-pubblikazzjoni sħiħa: wara kollox, skont il-prinċipju assodat in materja, l-imputazzjoni allegatament diffamatorja trid tkun waħda li tinsilet mill-pubblikazzjoni moqrija fl-intier tagħha u mhux minn qari tat-titolu biss jew ta' parti mill-pubblikazzjoni, speċjalment meta l-pubblikazzjoni tkun waħda pjuttost qasira bħalma huwa l-artikolu in diżamina.

"*Ordinary readers do not read in isolation but take the context into account, including the surrounding circumstances. They are taken to have read the whole article, not just the headlines, but importantly, the more sensational the article, the less degree of*

*analytical care is expected, in contrast to serious publications which trigger an assumption of caution and close critique*." [11] (emfasi tal-Qorti)

Huwa żbaljat u infondat it-teżi li l-qarrej ordinarju ta' *posts* li jiġu pubblikati fuq pjattaforma bħalma hija l-midja soċjali, għandu jitqies li jaqra biss it-titolu jew l-ewwel u l-aħħar paragrafu tal-istqarrija: dan m'huwiex prinċipju li qatt ġie formulat u mħaddan mill-ġurisprudenza in materja tal-liġi tal-malafama. Għall-kuntrarju, fid-deċiżjoni ċelebri in materja, **Charleston v. News Group Newspapers Ltd** (1995), il-House of Lords riaffermat il-ġurisprudenza stabbilita in materja u riġettat l-argoment illi l-avvanzi fil-mezzi ta' komunikazzjoni u l-eżistenza tal-*mass media* ħolqu xi ħtieġa li jiġu żviluppati prinċipji u regoli ġodda li jippermettu lill-persuna aggravata li tistrieħ fuq imputazzjonijiet li huma bbażati fuq:-

" *... natural and ordinary meanings that only arise if the words are severed from their context, even if in fact, a significant portion of the audience to whom the words were published would have arrived at a meaning in this very manner and thus thought less of the plaintiff.*"

F'din l-istess deċiżjoni ġie riaffermat il-prinċipju bażilari, imsejjaħ "*the single meaning rule*", imfisser bħala:-

"*... the meaning an ordinary, reasonable, fair-minded person would agree on, after considering the words* ***in their whole, published context****. If the whole contains some words which appear defamatory, the defamatory effect (or bane) may be neutralised by other contextual words which operate as an antidote*."[12] (emfasi ta' din il-Qorti)

Dan il-prinċipju, ben assodat fil-liġi tad-difamazzjoni, qatt ma ġie nnegat u l-Qorti hi tal-fehma illi dan għandu jibqa' japplika anke għal pubblikazzjonijiet li jsiru fuq l-internet, għalkemm ċerti karatteristiċi ġodda tal-internet per eżempju l-pjattaformi

[11] **Landmark Cases in Defamation Law**, (Edited by David Rolph) 2019 (2021 Ed.), b'referenza għal numru ta' deċiżjonijiet fosthom: **Hockey v. Fairfax Media Publications Pty Ltd.** (2015) FCA 652.
[12] **Landmark Cases in Defamation Law**, *ibid*. p. 173.

differenti li jintużaw għall-konsenja tal-materjal (fosthom mobile phones) u *hyperlinks* għandhom jiġu kkunsidrati - dejjem jekk ikunu ta' relevanza fil-każ partikolari - għall-fini tad-determinazzjoni tat-tifsira tal-kliem impunjati u l-imputazzjoni li jnisslu.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti ma taqbilx li fil-pubblikazzjoni impunjata, meta tinqara b'mod sħiħ, ġie dikjarat li l-attur issemma b'ismu waqt il-kompilazzjoni. Għall-kuntrarju, fl-artikolu jiġi dikjarat bla tlaqliq illi l-isem tal-ġornalist li allegatament wassal informazzjoni lil Yorgen Fenech **ma ġiex żvelat** fix-xhieda fil-kumpilazzjoni iżda minn sorsi ta' Maltatoday li infurmaw li l-Pulizija kienu sabu messaġġ li Yorgen Fenech kien bagħat lil zijuh, fejn qallu li ċertu Ivan kien wissih dwar "*police interest*"[13].

Fi-fatt, fl-artikolu ġie rapportat: "*The mention of an* ***unnamed journalist*** *was made on Thursday morning during the compilation of evidence against Fenech, accused with having masterminded the assassination of the journalist Daphne Caruana Galizia*."[14]

Stqarrija li del resto jirriżulta li hija fattwalment korretta għaliex l-Ispettur Keith Arnaud afferma fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, illi meta xehed fil-kumpilazzjoni huwa ma kienx semma l-isem 'Ivan' iżda dan l-isem kien issemma f'domanda li saritlu mill-Avukat Jason Azzopardi.

B'żieda ma' dan, is-Superintendent Keith Arnaud meta xehed quddiem din il-Qorti b'referenza għad-depożizzjoni tiegħu fil-kumpilazzjoni fid-19 ta' Diċembru 2019, ikkonferma illi għalkemm ma kienx irrefera dakinhar għall-isem 'Ivan' u lanqas 'Ivan tat-Times', huwa kien ġie mistoqsi minn Dr. Jason Azzopardi waqt dik id-depożizzjoni jekk kienx hemm messaġġ ta' Yorgen Fenech fejn intqal li "*Ivan tat-Times*" kien tah xi informazzjoni, fejn huwa kien wieġbu li ma jafx għal liema Ivan kien qed jirreferi Yorgen Fenech f'dan il-messaġġ.

---

[13] Tajjeb li hawnhekk jiġi mfakkar li kull referenza li saret mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur għat-traskrizzjoni Dok. IC2 sejra tiġi skarata stante illi t-traskrizzjoni tax-xhieda Dok. IC2 ġiet sflizata mill-atti permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Novembru 2020.
[14] Emfasi tal-Qorti.

**Minn dan m'hemmx dubju illi anke jekk għal mument, kellu jiġi aċċettat l-argoment tal-attur illi l-pubblikazzjoni impunjata twassal imputazzjoni li l-isem tal-attur kien issemma testwalment fix-xhieda mogħtija fil-kumpilazzjoni[15], mill-provi li ressaq l-attur stess f'din il-kawża jirriżulta illi fil-fatt, l-isem 'Ivan' tassew issemma matul il-kompilazzjoni fis-seduta tad-19 ta' Diċembru 2019, b'rabta ma' The Times[16].**

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li in segwitu għad-depożizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud tad-19 ta' Diċembru 2019, l-attur ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu ma' The Times of Malta fl-istess ġurnata, skont kif del resto jirriżulta mix-xhieda tal-attur innifsu kif ukoll mix-xhieda ta' Herman Grech u x-xhieda ta' Paul Mercieca.

Fir-rigward, Herman Grech, l-editur ta' The Times of Malta, xehed illi dakinhar li l-Ispettur Keith Arnaud kien qed jixhed fil-kumpilazzjoni tax-xhieda kontra Yorgen Fenech, fid-19 ta' Diċembru 2019, huwa kien ċempel lil Ivan Martin, l-uniku ġornalist ieħor bl-isem 'Ivan' li kien jaħdem magħhom, u staqsih jekk kienx hu l-Ivan li ssemma fil-Qorti in konnessjoni mat-*tip off* lil Yorgen Fenech. Ivan Martin aċċertah li ma kienx hu u fornixxa prova li l-aħħar kuntatt li kellu ma' Yorgen Fenech kien f'Lulju 2019.

Herman Grech xehed ukoll li kien diġa' jaf mingħand sors li fil-passat, Ivan Camilleri, l-attur, kien għamel kuntatt ma' Yorgen Fenech, filwaqt li sors ieħor kien qallu li kien hemm messaġġ bejn Yorgen Fenech u l-attur il-ġurnata qabel l-arrest ta' Yorgen Fenech. Herman Grech xehed ukoll li fil-ġurnata tal-arrest ta' Yorgen Fenech, kien jaf li kien hemm żewġ ġornalisti li jaħdmu ma' The Times, li kienu qed iħossuhom skomdi fin-newsroom fil-prezenza ta' Ivan Camilleri għaliex kien qed jgħid li l-arrest

---

[15] Il-Qorti diġa' ddeċidiet li din m'hijiex imputazzjoni li tinsilet mill-pubblikazzjoni tal-konvenuti.
[16] Fix-xhieda ta' Keith Arnaud.

ta' Yorgen Fenech kienet messa in xena u *frame-up*, filwaqt li Jacob Borg qallu li l-attur kien saqsih min kien bagħtu dak il-lejl fil-marina ta' Portomaso. Din l-informazzjoni huwa għaddiha lid-diriġenti tal-kumpannija meta kienu bagħtu għalih fid-19 ta' Diċembru 2019. Spjega li l-każ tal-involviment tal-attur f'*leak* lil Yorgen Fenech inqala' fl-istess ġimgħa meta nqalgħet ukoll l-allegazzjoni li l-attur kien seraq minn *supermarket* u kkonferma illi huwa jaf illi l-attur kien tkeċċa mill-impieg tabilħaqq minħabba dawn iż-żewġ raġunijiet.

Dan ġie konfermat minn Paul Mercieca, *non-executive* Chairman ta' Allied Newspapers, li xehed illi l-attur ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu mal-kumpannija fid-19 ta' Diċembru 2019, u dan għal żewġ raġunijiet: waħda minnhom l-allegat *tip-off* lil Yorgen Fenech, fejn il-kumpannija straħet fuq is-sorsi ta' Herman Grech biex waslet għall-konklużjoni li kien proprju Ivan Camilleri, l-attur, li kien għamel kuntatt ma' Yorgen Fenech, u l-oħra l-każ tal-allegat *shoplifting* minn Valyou Supermarket.

Għall-Qorti, din ix-xhieda tfisser illi għalkemm huwa minnu li, kif diġa' ngħad, l-artikolu impunjat inissel rabta bejn l-attur u Yorgen Fenech, **din ir-rabta saret leġittimament għaliex jirriżulta li tassew hemm assoċjazzjoni bejn ir-referenza li saret matul is-smigħ tal-kompilazzjoni, għal ċertu 'Ivan' li kkomunika ma' Yorgen Fenech, u t-tkeċċija tal-attur mill-impieg tiegħu ma' The Times dakinhar stess minħabba tabilħaqq din l-istess komunikazzjoni**.

Il-konvenuti, fit-tieni paragrafu tar-Risposta tagħhom, eċċipew illi mhux minnu li l-allegazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjoni, huma foloz. Għall-Qorti din l-eċċezzjoni tammonta għal dikjarazzjoni li l-istqarrijiet huma veritieri u għalhekk sejra tqis din l-eċċezzjoni taħt l-ottika tal-Artikolu 4(1) tal-Att, ċioe' bħala d-difiża tal-verita' tal-fatti.

Kif inhuwa risaput, għas-suċċess tad-difiża tal-verita' mhux meħtieġ li kull kelma ppubblikata hija vera iżda dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit il-verita' sostanzjali tal-essenza tal-malafama.

Blackstone, b'referenza għall-pożizzjoni ġuridika li kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tad-Defamation Act 2013 (UK) meta d-difiża statutorja kienet l-istess difiża tal-ġustifikazzjoni maħsuba fil-Liġi tal-Istampa (Kap. 248)[17], jgħid hekk:-

"*... a defendant was not required to prove the literal truth of every statement complained of: it was enough to establish the essential or substantial truth of the central defamatory 'sting' of the words. Thus a plea of justification*[18] *could success even if other, immaterial detasils in the offending statement were not proved to be true.*"[19]

Il-prinċipji li huma relevanti u applikabbli għall-fini tat-tifsira tal-frażi "*imputazzjoni ... sostanzjalment ver*(a)" fl-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama li sostitwixxa d-"difiża tal-ġustifikazzjoni" bid-"difiza tal-verita'", jidher li baqgħu immutati bid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att. Dawn il-prinċipji ġew sintetizzati hekk per Nicklin J fid-deċiżjoni reċenti **f'Bokova v Associated Newspapers Ltd** [2018] EWHC 2032 (QB), [2019] QB 861, [28]:-

*"(i) A defendant must show the relevant defamatory imputation is "substantially true": section 2(1). The Explanatory Notes to the Act refer to the Court of Appeal's decision in Chase v News Group Newspapers Ltd [2003] EMLR 11, para 34: 'the defendant ... has to establish the 'essential' or 'substantial' truth of the sting of the libel. To prove the truth of some lesser defamatory meaning does not provide a complete defence.'*
*(ii) The court should not be too literal in its approach. Proof of every detail is not required where the relevant fact is not essential to the sting of the publication:*

---

[17] Illum abrogat b'effett tal-Att XI tal-2018.
[18] Kif kienet magħrufa din id-difiża qabel id-daħla fis-seħħ tad-Defamation Act, 2013 u l-leġislazzjoni korrispondenti domestika, fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 579.
[19] ***Blackstone's Guide to the Defamation Act,*** 2013 (Oxford University Press), 3.02, p. 28.
Skont Gately *ibid.: "The requirement that the defendant need prove only the substantial truth of what has been published entails that a defence of truth may succeed even though the publication was inaccurate in a number of respects. If the defendant can prove that the main charge or gist of the libel is true, a light inaccuracy in one or more of its details will not prevent him from succeeding in a defence of truth."*

*Rothschild v Associated Newspapers Ltd [2013] EMLR 18, para 17, per Laws LJ (approving Turcu v News Group Newspapers Ltd [2005] EWHC 799 (QB) at [109], per Eady J). The task is 'to isolate the essential core of the libel and not be distracted by inaccuracies around the edge – however extensive": Turcu's case, para 105.*"[20]

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, senjatament għax-xhieda ta' Herman Grech u Paul Mercieca, jikkonsegwi illi l-istqarrija li l-attur ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu minħabba l-allegat komunikazzjoni ("*tip-off*") ma' Yorgen Fenech meta din issemmiet matul il-proċeduri kriminali fid-19 ta' Diċembru 2019, u l-imputazzjoni korrispondenti, ma tistax titqies li hija allegazzjoni falza jew qarrieqa, kif ġie asserit mill-attur. Għall-kuntrarju, jirriżulta mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti li din l-istqarrija, li hija waħda purament fattwali, hija sostanzjalment korretta u vera.

B'hekk, il-konvenuti irnexxielhom jissodisfaw l-oneru mixħut fuqhom li jipprovaw li s-sostanza tal-ewwel imputazzjoni mnissla mill-istqarrijiet minnu ppubblikati – ċioe' li l-attur ġie mkeċċi mill-impieg tiegħu minħabba l-allegat komunikazzjoni ("*tip-off*") ma' Yorgen Fenech meta din issemmiet matul il-proċeduri kriminali - sostanzjalment vera. Il-korollarju ta' dan hu li bħala imputazzjoni li hija veritiera, din ma tistax tkun diffamatorja.

Hawnhekk il-Qorti tissenjala li huwa immaterjali għall-fini li jiġi stabbilit jekk l-artikolu impunjat f'din il-kawża hijiex malafamanti, il-kwistjoni jekk id-deċiżjoni li l-attur jitkeċċa mill-impieg tiegħu seta' kien frott ta' maltintiż dwar dak li ngħad fil-Qorti waqt id-depożizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud u l-kwistjoni jekk Herman Grech seta' kien żbaljat meta kkonkluda li l-isem "Ivan" bħala l-ġornalist li wassal informazzjoni sensittiva lil Yorgen Fenech, kien issemma f'dik id-depożizzjoni.

---

[20] Imbagħad, f'deċiżjoni iktar reċenti, **Riley v Murray** [2021] EWHC 3437 (QB), [2022] EMLR 8 at [51] ġie wkoll riaffermat is-segwenti prinċipju:- *"... In deciding whether any given defamatory imputation is substantially true, the court will have well in mind the requirement to allow for exaggeration, at the margins, and have regard in that context also to proportionality. Having regard to its overall gravity and the relative significance of any elements of inaccuracy or exaggeration, has the substantial sting been proved? It is no part of the court's function to penalise a defendant for sloppy journalism – still less for tastelessness of style: Turcu v News Group Newspapers Ltd [2005 EWHC 799 (QB) [105] and [111] per Eady J."*

Jiġi mfakkar illi l-azzjoni odjerna istitwita taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, m'hijiex maħsuba biex tisfida d-deċiżjoni tal-prinċipal tal-attur li jitterminalu l-impieg abbażi tal-allegat komunikazzjoni ossia *tip-off* bejnu u Yorgen Fenech, iżda hija azzjoni għal malafama fejn il-Qorti hija msejħa unikament biex tiddetermina **jekk il-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet li huma impunjati mill-attur f'din il-kawża humiex diffamatorji u malafamanti fil-konfront tiegħu għaliex ikkaġunatilha ħsara serja lir-reputazzjoni jew hi kapaċi tikkaġunalha ħsara bħal din,** u xejn iktar minn hekk.

Minn dan jikkonsegwi illi jekk allura mill-provi jirriżulta li l-attur tassew tkeċċa mill-impieg tiegħu minħabba r-raġuni msemmija fil-pubblikazzjoni, ċioe' minħabba l-allegat "*tip-off*" li ssemma fix-xhieda waqt il-kompilazzjoni fid-19 ta' Diċembru 2019, qajla l-Qorti tista' ssib li l-pubblikazzjoni tista' tikkaġunalu ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu għall-finijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Kap. 579.

Kif diġa' stabbilit, l-istqarrija li l-attur tkeċċa mill-impieg minħabba komunikazzjoni li kellu ma' Yorgen Fenech lejliet li ġie arrestat (l-ewwel sentenza tal-artikolu), u dan wara li matul il-kompilazzjoni issemma li ġornalist żvela xi informazzjoni lil Yorgen Fenech (tieni u tielet paragrafi tal-artikolu), jirriżulta li hija sostanzjalment vera u l-Qorti ma tistax tiċċensurah.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li tinsilet mill-pubblikazzjoni, ċioe' illi hemm evidenza li turi illi l-attur ikkomunika ma' Yorgen Fenech lejliet li allegatament ipprova jaħrab minn Malta u għaddielu informazzjoni b'rabta mal-investigazzjoni tal-Pulizija dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, l-attur jilmenta li mhux minnu u hija gidba dak li ġie rapportat mill-konvenuti, ċioe' li l-Pulizija raw messaġġi fil-mobile phone ta' Yorgen Fenech li jsemmu lilu. L-attur jinsisti li dawn il-messaġġ "*ma jeżistux għax qatt ma saru min-naħa tiegħi*".

Madankollu, fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, is-Superintendent Keith Arnaud ikkonferma illi fl-investigazzjonijiet tagħhom il-Pulilzija identifikaw fil-mobile phone ta' Yorgen Fenech, *chats* li ntbagħtu bejn is-6.15 p.m. u 7.00 p.m. fid-19 ta' Novembru 2019 lejliet l-arrest tiegħu, fejn l-istess Yorgen Fenech kiteb lil zijuh: "*Portomaso Marina hawn tat-Times. Tani* tip *Ivan*". Xehed ukoll illi s-soġġett tal-konversazzjoni f'dan ic-*chat* kien id-dibattitu li kien għaddej fil-pajjiż dakinhar dwar il-proklama ta' Melvin Theuma. Imbagħad, iktar 'il quddiem f'dan ic-*chat* instab messaġġ ieħor minn Yorgen Fenech, fejn lil zijuh qallu: "*Ivan qalli jien għax kien* newsroom *u semagħhom jgħidu*" u "*Le waħdu qiegħed bla* crew"[21].

Għaldaqstant, applikati l-prinċipji ikkunsidrati iktar qabel, jirriżulta li l-istqarrijiet li jwasslu t-tieni imputazzjoni li tinsilet mill-pubblikazzjoni, ċioe' illi teżisti hemm evidenza li turi illi l-attur ikkomunika ma' Yorgen Fenech lejliet l-arrest tiegħu, ukoll huma sostanzjalment veri.

Hawhekk il-Qorti tħoss li għandha tindirizza speċifikatament is-sottomissjoni tal-attur li l-artikolu tal-konvenuti iwassal imputazzjoni li bħala fatt, huwa ikkomunika ma' Yorgen Fenech u wassallu informazzjoni kunfidenzjali marbuta mal-investigazzjoni tal-Pulizija dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, mentri dan mhux minnu.

Iżda kuntrarjament għal dak li ġie asserit mill-attur, il-Qorti tqis illi moqri fl-intier tiegħu, l-artikolu impunjat ma jnissilx imputazzjoni li l-attur **fattwalment** ikkomunika ma' Yorgen Fenech u wassallu informazzjoni kunfidenzjali marbuta mal-investigazzjoni tal-Pulizija dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Huwa manifest minn qari komplessiv tal-pubblikazzjoni illi l-imputazzjoni li qiegħda ssir hi li **teżisti evidenza li turi li din il-komunikazzjoni seħħet** u mhux li din il-komunikazzjoni effettivament seħħet bħala fatt.

---

[21] B'referenza għall-persuna minn The Times li kien qiegħed Portomaso Marina.

Fid-deċiżjoni fil-każ **Mirror Newspapers Ltd v. Harrison**[22], ġie ritenut hekk in tema ta' stqarrijiet li ma jwasslux asserzjoni fattwali ta' imputazzjoni diffamatorja iżda jkunu jissuġġerixxu biss li hemm lok għal suspett:-

"*A distintion needs to be drawn between the reader's understanding of what the newspaper is saying and judgments or conclusions which he may reach as a result of his own beliefs and prejudices. It is one thing to say that a statement is capable of bearing an imputation defamatory of the plaintiff because the ordinary, reasonable reader would understand it in that sense, drawing in his own knowledge and experience of human affairs in order to reach that result. It is quite another thing to say that a statement is capable of bearing such an imputation merely because it excites in some readers a belief or prejudice from which they proceed to arrive at a conclusion unfavourable to the plaintiff. The defamatory quality of the published material is to be determined by the first, not by the second, proposition.*"

Fl-istess deċiżjoni intqal ukoll hekk in tema tad-differenza bejn stqarrijiet li jwasslu imputazzjoni ta' suspett jew imputazzjoni ta' ħtija:-

"*The ordinary reasonable reader is mindful of the principle that a person charged with a crime is presumed innocent until it is proved that he is guilty. Although he knows that many persons charged with a criminal offence are ultimately convicted, he is also aware that guilt or innocence is a question to be determined by a court, generally a jury, and that not infrequently, the person charged is acquitted.*

*In this situation, the reader will view the plaintiff with suspicion, concluding that he is a person suspected by the police of having committed the offence and that they have ground for laying a charge against him. But this does not warrant the conclusion that by reporting the fact of arrest and charge, a newspaper is imputing that the person in guilty.*"

[22] (1982) 149 CLR 293; [1982] HCA 50.

Il-Qorti ma riskontrat ebda allegazzjoni fl-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenuti illi tista’ oġġettivament iwassal lill-qarrej raġjonevoli għall-konklużjoni, imnissla biss mill-kumpless tal-pubblikazzjoni impunjata, li huwa fatt stabbilit illi l-attur tassew ikkomunika ma’ Yorgen Fenech jew li tassew kien wassallu xi informazzjoni kunfidenzjali. Għall-kuntrarju, il-konvenuti irrapportaw li l-Pulizija kienu sabu messaġġi fit-telefon ċellulari ta’ Yorgen Fenech li fihom jissemma “Ivan” fil-kuntest ta’ *leak* li kien sar lill-istess Yorgen Fenech, u li l-attur, identifikat fl-artikolu bħala dan l-imsemmi “Ivan”, ġie imkeċċi mill-impieg tiegħu minn The Times tabilħaqq minħabba dan l-allegat *leak*. **Ma saret ebda allegazzjoni fil-pubblikazzjoni impunjata li l-Pulizija sabu messaġġ jew messaġġi mibgħuta direttament bejn l-attur u Yorgen Fenech u m’hemm xejn fl-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenuti li jingħata x’jifhem li huwa fatt stabbilit li l-attur kien effettivament ikkomunika miegħu.** Il-konvenuti irrapportaw biss illi bħala fatt, teżisti evidenza li turi li kien hemm komunikazzjoni f’xejra ta’ *tip-off* bejn ‘Ivan’ u Yorgen Fenech - stqarrija fattwali li, kif diġa’ stabbilit, huwa sostanzjalment korrett.

Għall-Qorti dan kollu jfisser illi l-aggravju tal-attur li hija gidba l-istqarrija li huwa ikkomunika ma’ Yorgen Fenech, m’huwiex f’loku u tqis li huwa immaterjali għall-fini ta’ din l-azzjoni il-fatt jekk l-attur kienx tassew żvela jew wassal xi informazzjoni kunfidenzjali lil Yorgen Fenech. Dak li huwa relevanti huwa li jiġi stabbilit jekk saritx l-istqarrija li qed tiġi impunjata mill-attur u jekk din twassalx imputazzjoni diffamatorja għalih, iżda kif rajna, f’dan il-każ la ġie dikjarat li l-attur fattwalment ikkomunika ma’ Yorgen Fenech u lanqas ma titnissel imputazzjoni f’dan is-sens. L-uniċi stqarrijiet li saru huma li l-Pulizija sabu messaġġ fit-telefon ċellulari ta’ Yorgen Fenech fejn issemma ċertu “Ivan” li wissih li l-Pulizija kienu qed juru interess fih in konnessjoni mal-investigazzjonijiet dwar l-omiċidju ta’ Daphne Caruana Galizia. Stqarrijiet li kif diġa’ stabbilit, huma sostanzjalment veri u konsegwentement, ma jistax jitqies li huma malafamanti.

Ikkunsidrat;

Illi kuntrarjament għal dak li argomenta l-attur, il-fatt illi sadanittant huwa ma kienx ġie mitkellem mill-Pulizija ma jfissirx li l-istqarrija pubblikata mill-konvenuti dwar xi komunikazzjoni li seta' wassal lil Yorgen Fenech, hija falza jew li m'għandhiex bażi fattwali. Fil-fatt, l-Ispettur Keith Arnaud xehed li mhux eskluż li fil-kors tal-investigazzjoni tal-Pulizija - liema investigazzjoni kienet għadha attiva u mhux konkluża dak iż-żmien - jinqala' l-bżonn li jiġi mitkellem.

L-attur xehed ukoll illi huwa ħareġ stqarrija (Dok. IC3[23]) permezz tal-Avukati tiegħu meta beda jara l-artikoli li bdew jinktibu dwaru, iżda l-konvenuti naqsu milli jippubblikawh u lanqas għamlu referenza għaliha fil-pubblikazzjoni impunjata. Madankollu, minnufih il-Qorti tosserva li l-istqarrija li għamel referenza għaliha l-attur hija datata 30 ta' Ottubru 2019 u għalhekk żgur ma setgħetx kienet maħsuba biex twieġeb għall-allegazzjonijiet li saru fl-artikolu impunjat f'din il-kawża, liema artikolu ġie pubblikat fl-20 ta' Diċembru 2019.

Il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm l-attur fir-Rikors promotur, identifika bħala libelluż mhux biss l-artikolu li ġie pubblikat mill-konvenuti iżda wkoll "*il-kummenti li l-konvenuti ppermettew fuq l-istess sit elettroniku*", l-attur imkien ma identifika fix-xhieda tiegħu jew f'xi waqt ieħor matul il-ġbir tal-provi, liema kummenti minn fost il-patafjun sħiħ ta' kummenti ppubblikati minn varji persuni in segwitu għall-artikolu impunjat, ħassu malafamat bihom. Il-Qorti żgur m'hijiex serja tifli hi stess kull wieħed minn dawn il-messaġġi biex tqis liema minnhom jista' leġittimament jiġu impunjati mill-attur bħala malafamanti meta dawn huma voluminużi u meta evidentement bosta minnhom ma fihom u ma jwasslu l-ebda imputazzjoni kwalsiasi.

Minbarra dan, kif sewwa ġie eċċepit mill-konvenuti, huma mhux responsabbli għall-kummenti ta' terzi persuni ippubblikati fuq is-sit elettroniku iżda huma l-awturi infushom tal-kummenti impunjati li jridu jwieġbu għall-kitbiet tagħhom. F'din l-eċċezzjoni, sollevata fil-ħames paragrafu tar-Risposta tal-konvenuti, il-Qorti tirravviża d-difiża msemmija fl-Artikolu 12 tal-Kap. 579. Dan jipprovdi li "*hija difiża għall-*

[23] Annessa mal-Affidavit tiegħu.

*mitigazzjoni ta' danni għall-editur li juri li ma kienx l-operatur jew il-persuna li ppubblikat id-dikjarazzjoni fuq is-sit elettroniku.*" Huwa minnu li din id-difiża tfalli jekk l-attur juri li ma kienx possibbli għalih jidentifika l-persuna li ppubblikat dik id-dikjarazzjoni allegatament malafamanti, li kien innotifika l-ilment tiegħu fir-rigward tad-dikjarazzjoni lill-editur u l-editur naqas milli jirrispondi għan-notifika dwar l-ilment. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti l-attur naqas b'mod assolut milli jressaq anke l-iċken prova li ma kienx possibbli għalih jidentifika l-persuni li ppubblikaw il-kummenti allegatament malafamanti, wisq inqas li kien innotifika lill-konvenut Kurt Sansone, l-editur tas-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt, b'xi lment dwar dikjarazzjonijiet li kien qed iqishom bħala malafamanti u l-istess editur baqa' inadempjenti rinfaċċjat b'dan l-ilment.

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuti kif imfisser fil-ħames paragrafu tar-risposta, hija tajba u siewja u sejra tiġi milqugħa, safejn hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Kap. 579.

In vista tal-fatt li qed jiġu milqugħa t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti fir-Risposta tagħhom kif ukoll il-ħames eċċezzjoni fir-rigward tal-kummenti pubblikati minn terzi in segwitu għall-artikolu tal-20 ta' Diċembru 2019, mhux meħtieġ li jiġu trattati u deċiżi t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

**Għal dawn il-motivi, qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' t-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur, Ivan Camilleri.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**